ID-DJALOGU

# FID-DOKUMENTI
# TAS-SINODU DJOĊESAN

SERJE VALURI TAS-SINODU – 4

Matul is-Sinodu Djoċesan, fi proċess ta' dixxerniment ġew identifikati sitt valuri fundamentali. Dawn huma l-valuri bażiċi li wieħed isib fid-dokumenti tas-Sinodu Djoċesan.

Dawn huma: l-evanġelizzazzjoni, il-komunjoni, il-formazzjoni, id-djalogu, il-qadi, is-solidarjetà.

Dan il-ktejjeb jagħti r-referenzi prinċipali li wieħed isib għad-djalogu fid-dokumenti tas-Sinodu.

Wieħed għandu jikkonsulta d-dokumenti nfushom biex ikollu t-test sħiħ.

Ħajr lil Dun Joe Mizzi li ġabar flimkien dawn ir-referenzi.

## Viżjoni ta' Knisja komunjoni

- Inseddqu d-djalogu fostna u mas-setturi kollha tas-soċjetà – preż, 51;
- Djalogu bejn l-istess membri tal-Knisja – komunità – 38;
- Il-Knisja tgħin fil-vokazzjoni ta' Malta li tkun fus għad-djalogu bejn il-pajjiżi, kulturi u reliġjonijiet diversi – 50;
- Knisja kuraġġuża li taf tisma' u taf tiddjaloga bla ma tkun paternalista jew awtoritarja – 51;
- Aktar kordinament fost l-aġenziji tal-Knisja stess – 51.

## Kultura – Soċjetà – Knisja

- Il-Knisja tidħol fi djalogu ma' dak li hu pożittiv fil-kultura u tibqa' fidila għall-missjoni li taha Kristu billi tibqa' turi b'mod ċar dak li jagħmel ħsara lis-soċjetà – 6;
- Huwa dmir tal-Kattoliċi li jkunu preżenti f'dawn l-oqsma: Radju, televiżjoni, gazzetti, internet – sabiex jaħdmu bħala ħmira fis-soċjetà – 16;
- Djalogu ma' bnedmin ta' fehmiet u reliġjonijiet differenti – 20;
- Formazzjoni soda tal-kleru u tal-lajċi twassal biex titwettaq pastorali effettiva u aġġornata fi djalogu kontinwu mas-soċjetà Maltija fl-aspetti kollha tagħha, anki fis-sottokulturi – 83.

## Lajċi Insara

- Il-lajċi jridu jagħmlu l-appostolat tagħhom b'metodi adattati għaż-żminijiet u b'lingwaġġ li jinftiehem mill-bniedem tal-lum – 47.

## Xandir tal-Kelma

- Id-dokument jitlob għal djalogu dejjem aktar sħiħ bejn il-Knisja u l-kultura Maltija – preż, 24, 30;
- Il-Knisja f'Malta għandha biċċa xogħol doppja: trid tiftaħ djalogu ġdid ma' dawk ta' rieda tajba li ma jħaddnux l-istess twemmin, u trid tiftaħ ukoll djalogu mal-istess membri tagħha biex jifhmu dan l-ambjent ġdid – 24;
- Il-Knisja trid tidħol fi djalogu ġdid li japprezza iżjed il-ħidma tal-professjonisti u ta' metodi professjonali. Bil-ħidma tagħha ma' dawn l-għaqdiet, il-Knisja tagħti xhieda tat-twemmin tagħha fil-bniedem bħala xbieha ta' Alla u tal-qawwa tas-solidarjetà bejn il-bnedmin, anke dawk li ma jaqsmux l-istess twemmin – 25;
- Il-Knisja f'Malta trid tidħol fi djalogu aktar ħaj mal-artisti ta' żmienna. Tista' tipprovdi post fejn dawn in-nies jiltaqgħu u toffri stimolu biex tqanqal il-ħidma ta' dawn in-nies – 46.

## Liturġija u Sagramenti

- Iċ-ċelebrazzjoni sagramentali hi laqgħa ta' wlied Alla ma' Missierhom, fi Kristu u l-Ispirtu s-Santu. Din il-laqgħa ssir qisha djalogu permezz ta' għemil u ta' kliem – 7.

## Djakonija u Ġustizzja

- Id-dmir profetiku tal-Knisja u d-dmir għad-djalogu u rispett lejn dawk li ma jagħmlux parti mill-komunità nisranija jmorru flimkien – 13;
- Il-knisja tidħol fi djalogu ma' oħrajn li bħalna, avolja mhux parti mill-Knisja, qed ifittxu l-ġid komuni – 14.

## Żwieġ u Familja

- Xi ġenituri m'humiex mudelli ta' ħajja nisranija għal uliedhom. Dan jidher, per eżempju, fin-nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom – 18;
- Il-Knisja tiddjaloga mal-gvern biex jiddaħħlu aktar *family friendly* u *marriage friendly policies,* inaqqas u jikkontrolla l-logħob ta' l-ażżard; permezz tal-politka ta' tassazzjoni jaġevola familji li għandhom it-tfal, u jirrikonoxxi l-kontribut li l-ġenituri li jibqgħu d-dar għall-familja qed jagħtu lis-soċjetà – 54.

## Adolexxenti u Żgħażagħ

- Il-Knisja għandha bżonn ukoll metodi ġodda ta' kif tikkomunika ma' dawk li jipprattikaw ir-reliġjon b'mod iżjed "kulturali" – 8;
- Hemm bżonn li l-Knisja mhux biss taħdem fost iż-żgħażagħ, iżda taħdem maż-żgħażagħ. Dan tista' tagħmlu biss jekk tisma' liż-żgħażagħ, biex tkun tista' tagħraf il-kultura tagħhom, tħoss il-bżonnijiet tagħhom, u tagħrafhom bħala membri responsabbli sħaħ tagħha, li jistgħu mhux biss jirċievu iżda jagħtu u jbiddlu l-Knisja – 32;
- Ikun hemm proċess ta' djalogu u ta' pastorali ma' għaqdiet u movimenti ta' reliġjożità popolari u wkoll ma' għaqdiet u movimenti mhux reliġjużi, per eżempju dawk sportivi, kif ukoll ma' dawk involuti fil- qasam tad-divertiment – 58, 59;
- Flimkien inġibu 'l quddiem kultura ta' djalogu, ftehim, rispett u tolleranza quddiem min hu differenti fl'idejat, fl-età, fil-kultura u fir-reliġjon – prinċipji gwida 23.